# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 987/97 NA**

**Avukat Dottor Kevin F. Dingli u l-Avukat Dottor Suzanne Shaw fil-kwalita' taghhom bhala mandatarji specjali tas-socjeta' estera Ocean Marine Mutual Insurance Association Limited**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Davina Sullivan nominat b'digriet tal-20 ta' Mejju 1999 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-kumpanija Bilkar Shipping Ltd., kumpanija registrata hawn Malta**

**Dezerzjoni - Artikoli 157 u 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghandu jkun hemm biss id-dezerzjoni tal-kawza meta z-zmien perentorju stipulat fl-Artikolu 963 ikun iddekorra inutilment mid-data ta' l-appuntament tal-kawza bil-firma ta' l-Imhallef fuq l-att tac-citazzjoni u bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza ghas-smiegh. Huwa biss minn dik id-data li l-attur ghandu jbati ghan-nuqqasijiet tieghu kif huwa minn dik id-data li tiskatta r-responsabbilita' ta' l-attur li jiehu hsieb jinnotifika lill-konvenut. Qabel dik id-data l-attur ma ghandu ebda kontroll fuq il-proceduri u ma jistax jigi ppenalizzat ghal nuqqasijiet jew htigijiet amministrattivi tal-Qorti.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi nomine fil-5 ta' Mejju 1997 fejn gie premess:

“Illi s-socjeta’ konvenuta hija proprietarja tal-vapur merkantili m.v. “BILKAR I” registrat fir-Registru tal-Bastimenti ta’ Malta bin-numru ufficjali 2544;

Illi s-socjeta’ attrici hija kostitwita bhala “Shipowners” Protection and Indemnity Association”, u tiffunzjona bhala tali fil-kamp marittimu internazzjonali;

Illi ‘l fuq imsemmi vapur merkantili proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta kien gie debitament imdahhal mill-istess socjeta’ konvenuta mas-socjeta’ attrici u registrat bhala “Class I Entry”

ghas-snin 1993/1994, 1994/1995, 1995/1996 u 1996/1997 (Dokument "B1" – "B4");

Illi mar-registrazzjoni tal-fuq imsemmi vapur merkantili taghha mas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta kienet issiehbet bhala membru ta' l-assocjazzjoni attrici w accettat li tintrabat bil-"Memorandum and Articles of Association" kif ukoll bir-"Rules" ta' l-istess assocjazzjoni;

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma komplessiva ta' tlett mija u elf u wiehed u sittin dollari Amerikani u tlieta u ghoxrin cent (US$301,061.23), oltre imghaxijiet sal-hlas effettiv, skond Prospett datat 1 ta' Mejju 1997 (hawn anness u mmarkat Dokument "C"), liema kreditu qieghed jigi aktar dettajlat fiz-zewg paragrafi segwenti, u cioe':-

i) fis-somma ta' mija tmienja u sittin elf mija u disa' Dollari Amerikani u tlieta u ghoxrin cent (US$168,109.23), oltre imghaxijiet, rapprezentanti kontribuzzjonijiet ossia "calls" dovuti mis-socjeta' konvenuta rigwardanti d-dhul tal-fuq imsemmi vapur merkantili taghha "BILKAR I" mas-socjeta' attrici ghas-snin fuq premessi; u

ii) fis-somma addizzjonali ta' mija tnejn u tletin elf disa' mija tnejn u hamsin Dollari Amerikani (US$132,952), oltre imghaxijiet – kwantu ghal US$128,641.04 oltre imghaxijiet, rapprezentanti kontribuzzjonijiet ossia "calls" dovuti mis-socjeta' estera Bilgili Denizcilik Ltd., tat-Turkija, rigwardanti d-dhul tal-vapur merkantili taghha m.v. "BILGILI BIRADERLER", registrat it-Turkija, mas-socjeta' attrici, ukoll bhala Class I Entry, ghas-snin 1993/1994, 1994/1995, 1995/1996 u 1996/1997; u kwantu ghal US$4,310.96, oltre imghaxijiet, rapprezentanti kontribuzzjonijiet ossia "calls" dovuti mis-socjeta' Baris B. Shipping Ltd., ta' Valletta, Malta, rigwardanti d-dhul tal-vapur merkantili taghha m.v. "BARIS B", registrat f'Malta, mas-socjeta' attrici, bhala Class I u Class II Entries, ghas-sena 1996/1997 – ghal liema ammont addizzjonali s-socjeta' konvenuta hija responsabbli in solidum ai termini ta' l-Istatut u r-Regoli tas-socjeta' attrici;

Illi t-tlett vapuri merkantili fuq imsemmija huma lkoll taht it-tmexxija ossia management tas-socjeta' estera Bilgili Biraderler, tat-Turkija, u s-socjeta' attrici kienet accettat ir-

registrazzjoni ta' l-istess tlett vapuri fl-assocjazzjoni taghha bhala "fleet entry".

Illi s-socjeta' attrici bi hsiebha tistitwixxi l-proceduri legali necessarji "*in personam*" kontra s-socjeta' konvenuta u/jew "*in rem*" kontra l-bastiment merkantili m.v. "BILKAR I" proprjeta' ta' l-istess socjeta' konvenuta, skond il-kaz, ghall-kanonizzazzjoni tal-fuq imsemmi kreditu taghha fis-sede kompetenti;

Illi a tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar xi bastiment jew sehem fih.

Illi sa fejn jafu l-atturi nomine l-uniku assi tas-socjeta' konvenuta hija l-vapur merkantili fuq imsemmi u ghaldaqstant f'kaz ta' ezitu favorevoli fil-proceduri legali eventwali ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tas-socjeta' attrici fuq indikat l-atturi nomine jkunu jridu jesegwixxu tali kreditu taghhom bil-qbid u eventwali bejgh in subbasta ta' l-istess vapur merkantili;

TALBU li, ghar-ragunijiet premessi:-

1. din il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jsir ebda egozju u tipprojbixxi kull negozju, biegh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. "BILKAR I" fuq imsemmi, u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment merkantili, that dawk il-provvedimenti, pattijiet u kondizzjonijiet li dina l-istess Qorti jidhrilha xierqa w opportuni li timponi, u dana in vista tal-fatti w id-drittijiet fuq premessi, u tordna wkoll illi jigi notifikat bis-sentenza ta' din il-Qorti r-Registratur tal-Bastimenti ta' Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti nomine li minn issa stess huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nominta ta' l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali David Sullivan bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta u dana

b'digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-20 ta' Mejju 1997.

Il-kuraturi gew notifikati fit-28 ta' Gunju 1999 f'liema data huma pprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet li tinstab a fol. 39 tal-process. Jirrizulta pero' li dina ma gietx mahlufa mill-kuratur deputat Dr. Renzo Porsella Flores minkejja illi hemm hekk iddikjarat fid-dikjarazzjoni akkompanjanti n-nota ta' l-eccezzjonijiet. Effettivament giet ipprezentata nota ta' eccezzjonijiet ohra fl-1 ta' Lulju 1999 li din id-darba jirrizulta li giet igguramentata a fol. 40 tal-process. F'din in-nota ta' l-1 ta' Lulju 1999 il-konvenuti nomine jeccepixxu preliminarjament:

"*Illi l-kawza hija dezerta ai terminu ta' l-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12.*"

Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1999 il-Qorti ddifferiet il-kawza bil-hin ghall-10 ta' Marzu 2000 biex tigi trattata din l-ewwel eccezzjoni. Effettivament il-kawza giet ittratta f'dik id-data, il-partijiet talbu, u gie lilhom koncess, il-fakolta' li jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet li saru rispettivament, dik ta' l-attur fis-7 ta' April 2000 u dik responsiva tal-kuraturi nomine fit-18 ta' Mejju

2000. Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2000 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi f'dan il-kaz partikolari din il-Qorti hija tenuta tezamina mhux biss il-kwistjoni tad-dezerzjoni tal-kawza a bazi ta' l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta pero' trid ukoll tezamina l-punt sollevat mill-atturi sew fit-trattazzjoni orali sew in iskritt illi din l-eccezzjoni ma inghatatx in *limine litis* peress illi skond l-Artikolu 732 (2) ta' l-istess Kapitolu 12 l-eccezzjoni tad-dezerzjoni titqies li giet rinunzjata jekk ma tinghatax qabel kull eccezzjonijiet ohra. Skond l-atturi nomine dina ma inghatatx fl-ewwel nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk ma setghetx tinghata fit-tieni nota ta' l-eccezzjonijiet. Dwar dan l-ewwel punt il-Qorti thoss illi ghandha taqbel ma' dak sottomess mill-kuraturi nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. L-ewwel nota ta' l-eccezzjonijiet ma tistax titqies li hija wahda valida a tenur tas-sub-artikoli (4) u (5) ta' l-Artikolu 158 ta' l-istess Kapitolu 12 u dana fin-nuqqas tad-dikjarazzjoni guramentata. Setghu ghalhekk il-kuraturi peress illi fl-1 ta'

Lulju 1999 kienu ghadhom fit-terminu jipprezentaw eccezzjonijiet ohra validi in difiza ghat-talbiet attrici. Dan il-fatt u l-fatti l-ohra msemmija mill-kuraturi fin-nota taghhom juru illi verament dina ma kenitx nota ulterjuri ghall-ewwel wahda izda biss in sostituzzjoni taghha.

Sorvolat dan il-punt irid jigi deciz jekk fil-meritu ghandhiex treggi din l-eccezzjoni preliminari fil-kaz prezenti. Jinghad illi minkejja illi c-citazzjoni giet ipprezentata fil-5 ta' Mejju 1997 effettivament giet biss appuntata mill-Qorti fit-22 ta' Gunju 1999 ghat-12 ta' Ottubru 1999. Jidher illi dan kien verament zball amministrattiv u huwa inspjegabbli l-ghala l-kawza ma gietx appuntata qabel partikolarment meta jidher car illi d-data originali fuq ic-citazzjoni fejn hemm l-ordni tal-Qorti ghall-hrug tac-citazzjoni tindika Mejju tal-1997. L-unika ragunijiet li tista' tispekula dwarhom il-Qorti huma li jew dan il-process intilef fir-Registru, haga xejn rari, jew li ma gewx imqieghdha l-atti li permezz taghhom gew nominati l-kuraturi u ghalhekk il-kawza ma gietx appuntata peress illi baqghet tistenna n-nomina tal-kuraturi. In ogni caso pero' l-atturi immedjatament hadu hsieb jinnotifikaw lill-kuraturi li effettivament gew notifikati biss ftit granet wara li giet appuntata l-kawza.

Din il-Qorti gia' kellha okkazzjoni tezamina eccezzjoni simili fis-sentenza parzjali minnha moghtija fil-kawza "*Elmo Insurance Services Limited nomine vs Edward Pace et*" (Citazz. Nru:  122/98 NA) deciza fl-14 ta' Lulju 2000) fejn ikkonsidrat f'dan ir-rigward sew is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Frar 1999 fl-ismijiet "*Francis Xavier Formosa et vs Carmelo Mifsud*", sew diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, fosthom dik "*Joseph Grima vs Victor Aquilina pro et noe*" (Onorevoli Imhallef Raymond Pace - 17 ta' Frar 2000).  L-interpretazzjoni ekwa u gusta li ghandha tinghata lill-Artikolu 963 hija li t-terminu perentorju ghandu jibda jiddekorri mid-data meta c-citazzjoni tkun giet iffirmatha mill-Imhallef u l-kawza appuntata.  Hija minn dik id-data li hemm l-obbligu ta' l-attur li jsegwi l-kawza u jassigura illi t-terminu stipulat fl-Artikolu 963 jigi rispettat.  Qabel dik id-data pero' l-attur ma ghandu ebda kontroll u ghalhekk ma jistax jigi penalizzat ghan-nuqqasijiet jew htigijiet amministrattivi tal-Qorti li rizultat taghhom il-kawza ma tkunx giet appuntata fi zmien ragonevoli wara l-prezentata.  Dan jidher li huwa konformi wkoll mar-responsabbilita' ta' l-attur li jiehu hsieb permezz tar-Registratur tal-Qrati li jigi notifikat il-konvenut b'kopja tac-citazzjoni (Artikolu 157 tal-Kapitolu 12).

Din ir-responsabbilita' ma tistax tigi imposta qabel il-kawza ma tkun giet appuntata ghas-smiegh.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni hija respinta w il-kawza tibqa' differita ghat-12 ta' Lulju 2001 fid-9.00 a.m. biex il-kuraturi jiddikjaraw ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghmlu fuq il-meritu.  L-ispejjes huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.